TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 7/13/GB

**Maria Claudia Buhagiar**

**vs**

**Jerry Polidano**

Illum 22 ta' Mejju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-8 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' hames mitt Ewro (€500.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal-kelba tar-razza 'Shih Tzu', liema kelba m'hijiex razza pura.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat 'Shih Tzu' bil-'pedigree', pero' meta l-kelba bdiet tikber ir-rikorrenti bdiet tinnota li l-kelba ma kenitx qed tikber bhal 'Shih Tzu'.

Marret ghand diversi veterinarji u anke ghand il-'Malta Canine Clubs', u kkonfermawlha dak li kienet qed tahseb. Ghalhekk, ir-rikorrenti kienet ikkuntatjat lill-intimat, fejn marret il-pet shop, pero' meta ra l-kelba huwa beda jgib hafna skuzi: l-vaccinations ma qablux maghha; shampoo (meta kien tahulha hu stess); l-ikel (tiekol ikel tas-'Shih Tzu'; shana (wasal Jannar u l-pil baqa'

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

ma twalx); thyroid (haditha ghand il-veterinarju li ried hu, fejn il-kelba giet iccertifikatha b'sahhitha).

Ir-rikorrenti sabet 'international judge', fejn meta ezamina l-kelba, huwa kkonferma bil-miktub li din hija mhallta.

Ir-rikorrenti xtaqet li jkollha l-frieh, izda dan m'huwiex possibli.

Ir-rikorrenti qed titlob il-flus lura u li, pero', izzomm il-kelba, ghaliex wara disgha xhur issa thobbha u saret parti mill-familja. Hija lesta li taghti lura l-'pedigree' lill-intimat.

**L-intimat ssottometta bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi r-rikorrenti ma tistax titlob il-flus lura u l-kelba. Illi l-intimat offrielha illi jaghtiha l-flus lura, u cioe' erbgha mija u hamsin Ewro (450.00), kemm biegh il-kelba, JEW jiehu l-kelba lura.

Salv eccezzjonijiet ohra.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumenti li gew immarkati bhala Dok.MCB1 sa Dok.MCB6.

Ir-rikorrenti wriet il-kelba in kwistjoni lit-Tribunal waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat, fix-xhieda guramentata tieghu rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, b'referenza specifika ghad-dokument ezebit u mmarkat Dok.MCB2, flimkien mal-fatt illi jirrizulta ampjament car mill-provi, illi l-kelba in kwistjoni, nonostante c-certifikat tal-'pedigree' ezebit, hija 'crossbreed' u ghalhekk m'hjiex 'Shih Tzu' pura, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' erbgha mitt Ewro (€400.00) lir-rikorrenti, b'dan illi r-rikorrenti ghandha zzomm il-

kelba in kwistjoni, pero' tirritorna c-certifikat tal-'pedigree' lill-intimat, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**